**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA tas-27 ta' April, 2001.**

**Citazzjoni numru 485/01GC**

**MILLER DISTRIBUTORS LTD.**
**VS.**
**Super Master Limited**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici tinsab kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' elfejn tlett mija u tmienja u erbghin Liri Maltin u disa u erbghin centezmu (Lm2348.49) bilanc ta' somma akbar rappresentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta;

Illi ghalkemm debitament interpellata biex thallas dan l-ammont, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu l67 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. L2) m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' elfejn tlett mija u tmienja u erbghin liri Maltin u disa u erbghin centezmu (Lm2348.49) fuq imsemmija.

Bl-ispejjes, u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur